

## Laqgħa tas-Superjuri Reġjonali

Is-Superjur Ġenerali Fr. Bernard Mangion, ħaseb li tkun ħaġa xierqa li l-laqgħa li ssir kull tant żmien mas-Superjuri Reġjonali, din id-darba ssir f'Malta, fl-okkażjoni taċ-Ċentinarju mit-twaqqif tas-Soċjeta' tagħna.

Din il-laqgħa li saret f'Sant'Agata bejn l-14 u l-25 ta' Ġunju, attendew għaliha l-Kunsill Ġenerali tas-Soċjetà, u dawk responsablli tal-missjonijiet tagħna f' Malta, l-Awstralija, il-Peru, il-Pakistan, il-Filippini, u l-Kanada.

Fl-ewwel ġimgħa tkellimna fuq l-istorja tas-Soċjetà u fuq il-ħajja, il-kariżma u l-ispiritwalità tal-Fundatur tagħna. Fit-tieni ġimgħa ddiskutejna kif nistgħu nkomplu nwettqu l-missjoni tagħna b'mod effettiv illum, fid-diversi reġjuni li fihom qed naħdmu.

Barra dan tajna ħarsa wkoll lejn il-ħajja ta' bejnietna, id-diversi ħidmiet tagħna, u l-mod kif nistgħu nkomplu naħdmu ħalli l-Fundatur tagħna Ġużeppi De Piro jista' jsir dejjem aktar magħruf.

Laqgħat bħal dawn ma jsirux isiru sikwit għax huwa diffiċli biex ilkoll ninġabru mid-diversi reġjuni li fihom ninsabu, imma kienu laqgħat siewja u ħallew ħafna ġid.

Għeżież benefatturi, ibqgħu itolbu magħna biex il-Mulej ikompli jberikna fil-ħidmiet tagħna u jkompli jsejjaħ aktar żgħażagħ ġenerużi biex jingħaqdu mas-Soċjetà tagħna.

Fr Mario Zammit mssp
Sup. Reg. fl-Awstralja



## Leadership ġdid fil-Peru

**Għal dawn l-aħħar 9 snin Fr. Victor Livori mssp kien is-Superjur Reġjonali tal-Peru', fejn b'ħafna għaqal u dedikazzjoni mexxa din il-missjoni. F' April li għadda aħna l-missjunarji tal-Peru', ġejna mitluba biex nagħżlu team ġdid ta' leadership għal din il-missjoni. Is-saċerdoti kollha li qegħdin naħdmu hawnhekk (10 saċerdoti Maltin u 5 Peruwani) għaddejna ġurnata ta' talb flimkien, fejn bl-għajnuna ta' facilitator għazilna erbgħa biex ikunu fil-leadership team: Frs. Alex Busuttil, Pedro Arotaype, Giovanni Cefai u Victor Zammit. Imbagħad fix-xahar ta' Mejju, saret kunsulta oħra biex jintgħażel is-Superjur Reġjonali minn fost dawk l-erbgħa, għal dawn it-3 snin li ġejjien. Għal din l-okkażżjoni kien hemm preżenti wkoll is-Superjur Ġenerali Fr. Bernard Mangion li nfurmani li jiena ġejt magħżul bħala s-Superjur tal-missjoni tal-Peru'. Egħżież benefatturi nitlobkom biex titolbu għalija u għal sħabi l-oħra li qegħdin fit-tmexxija, ħalli naqdu dan il-ministeru b'ħafna imħabba u fedeltà lejn il-Mulej. Aħna qatt ma ninsewkom.**

**Fr. Giovanni Cefai MSSP**
**Superjur Reġjonali fil-Peru**



## ĠUBLEW TAD-DEHEB

It-2 ta' April li għadda kienet ġurnata ta' ferħ għal tliet saċerdoti tas-Soċjetà tagħna. Għax dakinhar għalqu 50 sena minn mindu ġew ordnati saċerdoti.

Dawn huma Fr. Benedict Sant, li qiegħed jaħdem fl-Awstralija, Fr. Victor Camilleri u Fr. Mario Scerri li qegħdin Malta. It-tlieta li huma ċċelebraw quddiesa ta'radd il-ħajr lil Alla għal din il-grazzja kbira li għoġbu jgħatihom.

Fr. Benedict għamel dan ma' sħabu fl-Awstralija fejn ilu jaħdem għal bosta snin .

Filwaqt li Fr. Victor u Fr. Mario, flimkien mas-Superjur Ġenerali u bosta saċerdoti tas-Soċjetà u oħrajn ħbieb tagħhom ikkonċelebraw din il-quddiesa F'Sant'Agata r-Rabat, fejn kienu għamlu wkoll l-ewwel quddiesa soleni tagħhom.

Minn qalbna nixtiqulhom *Ad Multos Annos*.



## Festa fl-Oratorju tagħna ta' B'Kara

Din is-sena għall-okkażżjoni tal-festa tal-Madonna Għajnuna tal-Insara stedinna lill- Arċisqof Emeritus G. Mercieca, biex imexxi l-konċelebrazzjoni tal-festa, għax propju fis-16 ta' Gunju ta' 25 sena ilu kien hu li kkonsagra l-Kappella. Wara, huwa għoġbu jogħqod jara l-proċessjoni u jitkellem man-nies.

## Fl-Oratorju wkoll

Fl-okkażżjoni tal-vista Pastorali li l-Arċisqof P. Cremona qiegħed jagħmel fid-djoċesi ta' Malta, ġie l-Oratorju fejn wara li qaddes fil-Kappella tagħna, iltaqa' man-nies li jifrekwentaw dan il-post. Hu rega' ġie darba oħra biex jiltaqa' mat-tfal tad-duttrina.

## Grizma ta' L-Isqof fid-Dar ta' San Guzepp

**Għal snin twal, qrib l-1 ta' Mejju, fid-Dar ta' San Ġuzepp issir il-Festa tal-Patrun. Din is-sena, il-Membri MSSP, it-tfal, il-ħaddiema, u l-voluntiera, iċċelebraw din il-festa fis-26 ta' April. Kienet okkazjoni speċjali li ma' tintesiex malajr... speċjalment għal ħamsa mit-tfal residenti tad-Dar. Dan għaliex huma rcivew minn idejn l-Arċisqof Pawlu Cremona, is-Sagrament tal-Grizma tal-Isqof, imdawwrin minn sħabhom u l-familjari tagħhom. Il-ferħ fuq wiċċhom kien jixhed kemm apprezzaw li tant nies daru magħhom f'dan il-mument speċjali għalihom. F'din iċ-Ċelebrazzjoni ġie mfakkar ukoll iċ-Ċentinarju tas-Soċjetà tagħna li hija marbuta ħafna mad-Dar. Dan għaliex, il-Fundatur kien imexxi b'imħabba kbira din id-dar u fl-1922 membri tas-Soċjeta ingħaqdu miegħu fit-tmexxija tad-Dar.**








MSSP100

# Aħna lilkom

HOLQA BEJN IL-HBIEB

Ġunju - Lulju - Awwissu 2010 / Għadd 449 | Editur: Fr Norbert Bonavia MSSP




## Għeluq il-mitt sena mal-Arċisqof f'Toronto

Fix-xahar ta' Mejju, il-komunità MSSP iċċelebrat l-ewwel ċentinarju mit-twaqqif tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl flimkien mal-Eċċ. Tiegħu Mons Pawlu Cremona OP, Arċisqof ta' Malta, li kien fuq żjara pastorali fil-Kanada. Din iż-żjara saret fuq stedina ta' Fr. Karm S. Borg MSSP, kappillan tal-parroċċa Maltija-Kanadiża ta' San Pawl Appostlu, f'Toronto, il-Kanada.

Iż-żjara bdiet il-Ġimgħa, 7 ta' Mejju, meta l-Eċċ. Tiegħu amministra s-sagrament tal-Griżma tal-Isqof lil grupp ta' żgħażagħ mill-parroċċa ta' San Pawl Appostlu u l-għada s-Sibt, wara nofsinhar ltaqa' ma' grupp tfal u żgħażagħ, il-biċċa l-kbira minnhom ta' dixxendenza Maltija.

Il-Ħadd, 9 ta' Mejju, flimkien mal-Arċisqof Cremona, raddejna ħajr lil Alla, permezz tas-sagrifiċċju tal-Quddiesa, għall-mitt sena mit-twaqqif tas-Soċjetà tagħna. Flimkien mal-Arċisqof, minbarra Fr Karm u Fr Dominic, ikkonċelebraw ukoll għadd ta' saċerdoti Maltin. Fl-omelija tiegħu, Mons Arċisqof fost l-oħrajn tkellem dwar il-Fundatur, il-Qaddej ta' Alla Ġużeppi De Piro kif ukoll dwar il-ħidma tas-Soċjetà.

Fi tmiem il-quddiesa li għaliha l-knisja kienet mimlija daqs bajda, Mons Arċisqof bidel il-kallotta tiegħu ma' oħra li offrielu Fr Karm f'isem il-komunità parrokkjali. Wara l-Eċċ Tiegħu, irregala lill-parroċċa wieħed mill-pissidijiet li ntużaw waqt il-quddiesa tal-Papa fuq il-fosos kif ukoll ritratt awtografat.

Waqt ikla li saret bħala l-aħħar attività ta' Mons Arċisqof, u li għaliha attendew numru sabiħ ferm, il-parroċċa offriet lil Mons Arċisqof tifkira fil-ħġieġ maħduma apposta u li fiha kien hemm kemm il-logo taċ-ċentinarju tal-MSSP kif ukoll il-logo ta' għeluq it-80 sena tal-parroċċa ta' San Pawl Appostlu. Il-komunità MSSP, min-naħa tagħha offriet kwadru li juri dettal tan-Nawfraġju tal-Appostlu Missierna San Pawl kif ippreżentat f'waħda mit-twieqi "stained-glass" u żewġ CDs tal-Canadian Tenors. Wieħed minn dawn it-tenuri hu ta' nisel Malti u membru tal-parroċċa. Fl-aħħar ta' din iż-żjara, l-Arċisqof żar il-morda Maltin u l-ħaddiema fl-Isptar Runnymede. Din kienet okkażjoni ta' ferħ u faraġ għall-morda kif ukoll ta' apprezzament u nkoraġġiment għall-ħaddiema.

Iż-żjara ta' Mons. Arċisqof ser tibqa' f'moħħ u f'qalb il-komunita' Maltija għaliex kienet mument speċjali li matulu kellha l-opportunita' li titwettaq fil-fidi permezz tat-tagħlim tiegħu.

Fr. Carm s. Borg mssp
Kappillan





Sant'Agata, Rabat, Malta, Tel: 2145 4503 / Stella Maris, Żebbuġ, Gozo, Tel: 2155 1159

# 30 ta' Ġunju, 1910 - 30 ta' Ġunju 2010
# Ċelebrazzjonijiet taċ-Ċentinarju

**Is- 16 ta' Ġunju**

Għall-okkazzjoni tal-festi ċentinarji tal-bidu tas-Soċjeta tagħna, Fr. Martin Cilia mssp, ħareġ ktieb bl-isem "*Found among sinners*" fuq l-ispiritwalità tal-Qaddej t'Alla Mons. G. De Piro. Għat-tnidija ta' dan il-ktieb saret attività fil-bitħa tad-Dar ta' San Ġużepp Santa Venera. F'din l-okkażżjoni kienu mistiedna biex jitkellmu fuq il-ħajja tal-Fundatur, kif ukoll fuq il-valur u l-kontenut ta' dan il-ktieb, Fr. Tony Sciberras mssp viċi postulatur tal-Kawża tal-Fundatur, il-Professur Fr. Peter Seracino Inglott, Fr. Rene Camilleri, *lecturer* tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta, u s-Superjur Ġenerali tas-Soċjetà tagħna, Fr. Bernard Mangion. Dan il-ktieb li tant kien hemm bzonnu ġie milqugħ tajjeb ħafna

**L-20 ta' Ġunju**

Biex jibqa' mfakkar dan iċ-ċentinarju ċ-ĊAM *Production International* tas-Soċjetà tagħna ħadmet fuq il-produzzjoni ta' film fuq il-ħajja tal-Qaddej t'Alla Mons. G. De Piro bl-isem "*Il-Bniedem ta' Kulħadd*". Il-kitba hija ta' Lino Grech, u d-direzzjoni kienet taħt Fr. Louis Mallia mssp u Marthese Brincat. Dan il-film intwera għall-ewwel darba għall-qraba, ħbieb u benefatturi tagħna fl-auditorjum ta' Sant' Agata propju nhar l-20 ta' Ġunju.







**Il-25 ta'Ġunju**

Kien xieraq li waħda mill-attivitajiet ta' dan iċ-ċentinarju tkun mal-Lajċi li jaħdmu viċin l-MSSP.

Din il-laqgħa saret ukoll fil-bitħa tad-Dar ta' San Ġużepp, il-post li l-Fundatur tant kien iħobb sa minn qabel ma sar saċerdot u spiċċa li gie maħtur direttur tiegħu u baqa' sa ma miet.

F'din il-laqgħa kull grupp tella' *feature*, permezz ta' *power point*, fuq kull post li qed taħdem is-Soċjetà u intervisti lill- *fathers* li qed jaħdmu f'dak ir-reġjun. Il-kor tal-Lajċi mssp animaw is-serata b'kant tassew sabiħ. Fl-aħħar tas-serata Fr. Karm Debattista mssp semmgħalna l-kanzunetta l-ġdida li hu kiteb u kkompona fuq il-ħajja tal-Fundatur, "*Bniedem ta' Alla*".



**Fis-27 ta' Ġunju**

Fil-Paroċċa Arċipretali taż-Żebbuġ Għawdex ġiet iċċelebrata quddiesa ta' ringrazzjament lil Alla, immexxija mill-Ecc. Tiegħu Mons Isqof Mario Grech, Isqof ta' Għawdex. Fiha ħadu sehem l-membri tas-Soċjetà tagħna, l-Arċipriet u s-saċerdoti tal-Parroċċa, diversi saċerdoti u reliġjużi Għawdxin u ħafna benefatturi u ħbieb tas-Soċjetà ta' din il-gżira. Il-kor li anima din il-quddiesa kantata kien magħmul minn lajċi mssp Maltin u l-korijiet tal-parroċċa taż-Żebbuġ.

**Fid-29 ta' Ġunju**

**Lejliet il-mitt sena filgħaxija il-membri kollha tas-Soċjeta u l-Lajċi li jaħdmu qrib is-Soċjetà inġbarna Sant' Agata għal siegħa talb bħala preparazzjoni għall-għada, il-ġurnata tal-bidu tas-Socjetà. Barra li kantajna t-talb li soltu tagħmel il-Knisja kull filgħaxija, smajna siltiet mill-kitba tal-Fundatur u riflessjonijiet adatti biex aktar jgħinuna napprezzaw din il-ġrajja u l-grazzja li konna qegħdin ngħixu.**







**It-30 ta' Ġunju**

Fis-sebgħa ta' filgħaxija l-membri kollha tas-Soċjetà, inġbarna ftit passi l-bogħod minn fejn kienet l-ewwel Dar tas-Soċjetà, jiġifieri fil-Katerdal tal-Imdina,biex niroddu ħajr lil Alla, għax propju dakinhar kienet il-mitt sena mit-twaqqif tas-Soċjetà mill-Qaddej t'Alla Mons. Guzeppi De Piro. Il-Katedral, li kien għadu imżejjen bl-ilbies tal-festa tal-ġurnata ta' qabel, kien mimli daqs bajda mill-qraba, ħbieb u benefatturi tas-Soċjetà, li laqgħu biċ-ċapċip lill-Ecc. Tiegħu Mons. Pawlu Cremona, Arċisqof ta' Malta, li mexxa l-konċelebrazzjoni ta' radd il-ħajr.F'din l-okkazzjoni hekk memorabli, kellna magħna wkoll l-E.T. Mons. Annetto Depasquale, Vigarju Generali, l-E.T. Mons. F. Adeodato Micallef, O.C.D., l-E.T. Mons. Joseph Spiteri, Nunzju Appostoliku għal Sir Lanka, u r-rappreżentant tan-Nunzju Apostoliku għal Malta. Konna onorati wkoll b'numru sabiħ ta' Monsinjuri, Provinċjali u reliġjużi, r-rġiel u nisa, u sacerdoti djoċesani.

Il-Prim Ministru kien rappreżentat min Dr. Francis Zammit Dimech, u Dr.Tony Agius Decelis u s-sinjura tiegħu kienu preżenti għan-nom tal-Kap tal- Oppożizzjoni.

Fil-bidu tal-quddiesa s-Superjur Ġenerali, Fr. Bernard Mangion, għamel id-diskors ta' merħba, filwaqt li wara l-quddiesa Fr. Louis Mallia, Vigarju Regjonali rringrazzja lil kulħadd u offra lill-Arcisqof u lil kull min kien preżenti kopja tal-film ġdid li sar fuq Mons. De Piro. Il-kor waqt il-quddiesa kien dejjem magħmul mil-lajċi mssp, taħt id-direzzjoni tas-Sur Lino Azzopardi.

Wara l-quddiesa morna ħdejn il-bieb tal-ewwel Dar biex inkixfet u tbierket irħama kommemorattiva.

**L-4 ta' Lulju**

**Dawn iċ-ċelebrazzjonijiet tal-ewwel ċentinarju għalaqniehom imdawrin mal-ġenituri u l-aħwa tal-membri kollha tas-Soċjetà, l-akbar benefatturi tagħna. Dan sar permezz ta' ikla flimkien f'Dar Sant' Agata.**





**Soċjetà Missjunarja tà San Pawl** -Sant'Agata, Rabat, Malta, Tel: 2145 4503 / Stella Maris, Żebbuġ, Gozo, Tel: 2155 1159